MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 512/1989/1

**Joseph Borg f'ismu proprio u fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Marks and Charles Limited, ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess**

**v.**

**Joseph Pace fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Terry Limited ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess; u Norman Buckle u Victor Balzan fil-kwalita` taghhom ta' diretturi tas-socjeta` Paola Development Co. Limited ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1 Dan hu appell minn decizjoni in parte moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju 2004, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u dan wara li fil-kors tas-smigh tal-kawza, istitwita fit-3 ta' Mejju 1989, il-konvenut Joseph Pace pprezenta nota ta' ammissjoni ghat-talbiet kif dedotti kontrih.

1.2 Minhabba n-natura komplessa tal-fatti li taw lok ghal din il-vertenza, kif ukoll ghal intendiment ahjar ta' dak li ghandu jigi deciz minn din il-Qorti, ikun utli li jinghata fil-qosor sunt kronologiku tal-fatti saljenti tal-kaz in ezami, kif ukoll ta' l-andament tal-kawza, quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad.

**SUNT TAL-FATTI**

2.1 L-attur Joseph Borg kien azzjonista u direttur fil-kumpanija Paola Developments Limited li fis-sebghinijiet giet fil-pussess ta' art maghrufa bhala ta' Zilfa u ohra maghrufa bhala ta' Beligna gewwa l-Fgura. Jirrizulta illi zewg porzjonijiet mill-art maghrufa bhala ta' Zilfa u porzjoni diviza mill-art maghrufa bhala ta' Beligna gew trasferiti lis-socjeta` Terry Limited b'kuntratt ta' enfitewsi perpetwa ppubblikat fit-8 ta' Dicembru 1981, min-nutar Joseph Henry Saydon. Fl-istess jum saret skrittura privata bejn l-istess partijiet fejn is-socjeta` Paola Developments Co. Ltd iddikjarat li kienet irceviet minghand is-socjeta` Terry Limited is-somma ta' Lm7,500 bhala redenzjoni tac-cens. L-attur jallega li huwa gie mgieghel jiffirma dan il-kuntratt u l-iskrittura taht "theddid, qerq, vjolenza u kawza illecita", ezercitata fuqu minn certu Piju Camilleri u li b'hekk il-kunsens tieghu kien vizzjat. Inoltre, jallega li mhux veru li s-socjeta` rceviet Lm7,500. Jallega li dan it-theddid kien perpetrat minn Camilleri bil-konoxxenza tas-socjeta` Terry Limited.

L-attur u s-socjeta` Marks and Charles Limited kellhom bejniethom nofs l-azzjonijiet tas-socjeta` Paola Developments Co. Ltd, u n-nofs l-iehor kien jappartjeni lil

Victor Balzan u martu – in fatti fuq dawn l-atti kienu dehru l-attur u Victor Balzan.

Jirrizulta wkoll li fit-3 ta' Dicembru 1985, sar kuntratt ta' transazzjoni bejn Piju Camilleri, Victor Balzan u l-attur[1], li mieghu giet annessa kopja ta' transazzjoni bonarja bejn l-istess partijiet datata 17 ta' Gunju, 1985[2].

Sussegwentement, b'kuntratt datat 27 ta' Settembru 1986, l-attur u s-socjeta` Marks and Charles Ltd bieghu l-azzjonijiet li kellhom fis-socjeta` Paola Developments Co. Ltd lis-socjeta` Chevron Limited ghall-ammont ta' Lm1,500.

L-attur jallega li l-minacci baqghu ghaddejjin sal-11 ta' Novembru, 1988.

Fl-20 ta' April 1989, l-attur pro et noe kien talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 6/89) kontra s-socjeta` Terry Limited, fejn din giet inibita milli titrasferixxi, tbiegh jew b'xi mod iehor tassenja lil terzi l-artijiet in kwistjoni.

2.2 Fit-3 ta' Mejju 1989, l-attur f'ismu personali u ghan-nom tas-socjeta` Marks and Charles Limited istitwixxa l-proceduri odjerni fejn talab lill-Qorti tiddikjara li l-kuntratt u l-iskrittura saru b'rizultat ta' vizzju ta' kunsens tieghu u tas-socjeta` Paola Development Co. Ltd u li ma kien sar l-ebda hlas. Konsegwentement l-atturi talbu dikjarazzjoni li s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghad-danni u likwidazzjoni ta' l-istess. Inoltre, talbu lill-Qorti tinibixxi lis-socjeta` milli tiddisponi mill-proprjeta` de quo bi kwalunkwe mod, sakemm id-danni likwidati ma jigux imhallsa.

2.3 Il-konvenuti Norman Buckle u Victor Balzan ghan-nom tas-socjeta` Paola Development Company Limited eccepew li huma kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex ma kien jissussisti l-ebda interess guridiku fil-konfront taghhom.

[1] Dok X a fol. 83
[2] Dok Y

2.4 Il-konvenut Joseph Pace ghan-nom ta’ Terry Limited cahad tali allegazzjonijiet u eccepixxa s-segwenti:-

(1) In-nuqqas ta’ interess guridiku ta’ l-attur stante li hu la ghandu azzjonijiet u lanqas huwa direttur tas-socjeta` Paola Development Company Ltd;

(2) in-nullita` ta’ l-azzjoni attrici peress li huwa legalment inkoncepibbli li wiehed jitlob id-danni kontrattwali minhabba vizzju ta’ kunsens minghajr ma jitlob formalment ir-rexxissjoni tal-kuntratt;

(3) it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti peress li l-attur irrinunzja ghal kwalunkwe dritt li jista’ jkollu b’rizultat tal-kuntratt ta’ transazzjoni ppubblikat fit-3 ta’ Dicembru, 1985;

(4) fil-mertu, l-kuntratt u l-iskrittura tat-8 ta’ Dicembru 1981, saru skond il-ligi u huma perfettament validi;

(5) il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 1222 tal-Kap. 16.

2.5 Joseph Pace pro et noe ressaq ukoll kontro-talba fejn wara li ppremetta li l-attur kien ottjena mandat ta’ inibizzjoni (numru 6/89) talab lill-Qorti tirrevoka l-istess u tiddikjara lill-attur rikonvenzjonat responsabbli ghad-danni b’konsegwenza ta’ tali mandat.

Din il-pretensjoni tal-konvenut Joseph Pace noe giet michuda mill-attur rikonvenzjonat li fost ohrajn eccepixxa li l-mandat ta’ inibizzjoni ma hareg bl-ebda qerq u li c-citazzjoni li segwiet il-hrug ta’ dan il-mandat saret ai termini ta’ l-istess stante li hu qatt ma ppremetta li hu kien ghadu direttur u azzjonist tas-socjeta` Paola Development Company Limited, u skond l-ittra ufficjali tieghu tas-26 ta’ April 1988, mill-ewwel talab rizarciment ghad-danni.

Fis-16 ta’ Ottubru 1995, giet moghtija sentenza preliminari mill-ewwel Qorti, diversament presjeduta, fejn gew respinti l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti rigwardanti l-

karenza ta’ interess gudizzjarja[3] da parti ta’ l-attur pro et nomine.

**<u>IN-NOTA TA’ AMMISSJONI TAL-KONVENUT JOSEPH PACE NOMINE</u>**

3. Fis-17 ta’ Ottubru 2003, il-konvenut Joseph Pace nomine pprezenta nota ta’ ammissjoni ghat-talbiet attrici (ara wkoll verbal a fol. 342-343 tal-process) u l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

**<u>ID-DECIZJONI “IN PARTE” LI QEGHDA TIGI APPELLATA</u>**

4. B’decizjoni tat-18 ta’ Gunju 2004, l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel u t-tieni talba attrici bl-ispejjez kontra Terry Limited billi ddikjarat li l-attur pro et noe kien gie sfurzat u kostrett bl-uzu tal-vjolenza li jaghti l-kunsens tieghu ghat-trasferiment ta’ l-artijiet <u>de quo</u> lis-socjeta` Terry Limited, u li konsegwentement sofra danni, ghal liema kienet responsabbli s-socjeta` Terry Limited. Inoltre, dik il-Qorti cahdet dawn it-talbiet fil-konfront tas-socjeta` konvenuta l-ohra, Paola Development Co. Ltd, bl-ispejjez relattivi a karigu ta’ l-attur proprio et nomine.

L-ewwel Qorti ddecidiet illi l-azzjoni ta’ l-attur kienet tinkwadra ruhha fl-istitut tad-delitti u kwazi-delitti. Il-Qorti ghamlet riferiment ghall-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili fejn il-legislatur jipprovdi li “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.” L-Artikolu 1033 imbaghad jipprovdi li “Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f’hekk.”

Il-Qorti ddecidiet li t-trasferiment tal-proprjeta` minn fuq Paola Development Co. Limited ghal Terry Limited kien rizultat u kawza ta’ azzjonijiet delittwuzi ezercitati fuq l-attur, bil-konsegwenza li l-attur pro et noe, li kien azzjonista fis-socjeta` Paola Development Company Limited, sofra diminuzzjoni fil-valur ta’ l-ishma tieghu. Il-Qorti kompliet tghid li Terry Limited kienet partecipi f’din it-transazzjoni illegali u gwadanjat b’mod abbuziv awment

[3] fol. 200

sostanzjali fil-partrimonju taghha. B'hekk hija kkonkludiet illi s-socjeta` kellha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur. L-ispejjez kellhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta Terry Limited, hlief dawk tal-konvenuta Paola Developments Ltd. li kellhom jibqghu a karigu ta' l-attur pro et noe.

Fl-ahharnett, l-ewwel Qorti ordnat ukoll il-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fuq il-kumplament tat-talbiet atttrici, kif ukoll fuq il-kontro-talba tas-socjeta` Terry Limited.

**Zewg Appelli u Appell Incidentali**

5.1 Minn din is-sentenza gew interposti zewg appelli separati, kif ukoll sar appell incidentali, jigifieri,

(I) sar appell mill-hekk imsejjah "Amministratur Provizorju ghan-nom tas-socjeta` Terry Limited Reg. No. (4920" (Sic);

(II) sar appell iehor tat-terz HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177); u

(III) sar appell incidentali mill-attur Joseph Borg proprio et nomine.

5.2 Wara li nstemghet it-trattazzjoni tieghu, dan l-appell thalla ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-1 ta' Lulju 2005, u gie rimandat ghas-7 ta' Ottubru 2005, ghall-istess skop izda l-prolazzjoni tas-sentenza giet sospiza u, minflok, inghata provvediment kamerali, f'forma ta' digriet fejn kull wahda mill-partijiet li dehret fl-appell giet ordnata tissottometti kjarifici ulterjuri relattivament ghall-posizzjoni legali u guridika taghhom fil-kawza (ara digriet datat 7 ta' Ottubru 2005, a fol. 50 – 52 fl-atti ta' appell). Il-kawza mbaghad thalliet mill-gdid ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**Ic-Cessjoni ta' l-Appell Incidentali ta' l-Attur Proprio et Nomine**

6.1 In segwitu tad-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 2005, l-attur Joseph Borg pro et noe pprezenta nota ta' cessjoni ta' l-appell incidentali tieghu in data tal-21 ta' Ottubru 2005

(a fol. 53 tal-process), u b'hekk isegwi li jibqghu x'jigu determinati z-zewg appelli li gew interposti mill-Amministratur Provizorju ghan-nom tas-socjeta` Terry Limited no. C4920 u l-appell tat-terz HSBC Bank Malta p.l.c. C3177 – u dan salv ostakoli legali, jekk jezistu, li dwarhom din il-Qorti sejra telabora u tiddeciedi.

**Dwar L-Appell ta' l-"Amministratur Provizorju ghan-nom tas-socjeta` Terry Limited Reg. N$^{o}$. C4902"**

7.1 Kif intqal supra wiehed mill-appelli quddiem din il-Qorti sar mill-hekk imsejjah "Amministratur Provizorju ghan-nom tas-socjeta` Terry Limited Reg. no. C4902," fejn huwa qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Fil-kors ta' l-ezami ta' l-atti, din il-Qorti rrizultalha illi r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` Terry Limited f'din il-kawza kienet u baqghet vestita fil-persuna ta' Joseph Pace qua Direttur taghha. Kien Joseph Pace nomine li pprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet f'isem Terry Limited u kien hu wkoll, dejjem fil-kwalita` tieghu ta' direttur in rapprezentanza ta' din is-socjeta` li in segwitu ammetta t-talbiet attrici b'nota ta' ammissjoni li giet ipprezentata fil-Qorti fis-17 ta' Ottubru, 2003. Kien proprju ghalhekk li din il-Qorti, fid-digriet taghha surreferit, talbet kjarifiki ulterjuri min-naha ta' l-Amministratur Provizorju. Minn ezami ta' l-atti li gew ipprezentati minn Dottor Peter Fenech qua "Amministratur Provizorju" ma jirrizultax li effettivament kien inghata xi digriet f'din il-kawza fis-sens li huwa gie mahtur Amministratur Provizorju biex jidher in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta Terry Limtied minflok l-imsemmi Joseph Pace. Anzi, din il-Qorti jirrizultalha

(I) li l-imsemmi Joseph Pace qatt ma gie estromess mill-kawza jew inkella sostitwit minn haddiehor;

(II) li Joseph Pace nomine kkontesta u rrezista kull tentattiv li jigi sostitwit; u

(III) li n-nomina ta' Amministratur Provizorju vantata minn Dottor Peter Fenech saret biss fi procedura wahda

partikolari, jigifieri fil-kawza Vica Limited v. Terry Limited u Joseph Pace (Citazzjoni numru 1013/02/JA).

Jigi fl-ahharnett rilevat li waqt is-seduta tat-12 ta' Dicembru 2005, quddiem din il-Qorti, l-imsemmi Dottor Fenech iddikjara inter alia (ara verbal) li,
"huwa esebixxa diversi dokumenti li jinsabu a fol. 56 sa 61 ta' l-inkartament inkluz ir-rikors tieghu tat-23 ta' Dicembru 2003, izda ma hemm ebda digriet moghti f'din il-kawza, cioe` fil-kawza citazzjoni 512/89NC, li permezz taghha huwa bhala ammnistratur provvizorju gie nominat u/jew assuma formalment l-atti f'isem is-socjeta` Terry Limited minflok Joseph Pace noe…" (sottolinear tal-Qorti).

7.2 Tenut kont tas-suespost, ghalhekk, din il-Qorti hija prekluza milli tikkunsidra l-appell intavolat minn Dottor Peter Fenech nomine, li gie pprezentat f'isem is-socjeta` Terry Limited li, kif rajna, mhux biss fl-atti ta' din il-kawza hija rapprezentata minn Joseph Pace imma jirrizulta wkoll li s-socjeta` Terry Limited ammettiet it-talbiet attrici. Jekk tassew l-imsemmi Amministratur Provizorju kellu l-interess guridiku li qieghed jivvanta, huwa seta' liberament ipprevalixxa ruhu minn proceduri ohrajn li huwa kellu a disposizzjoni tieghu skond il-ligi, imma certament ma setax jipprezenta rikors ta' appell f'isem is-socjeta` li kienet qeghda u ghadha tigi rapprezentata minn haddiehor u li kienet ammettiet it-talbiet dedotti kontriha. Fi kliem iehor, l-imsemmi "Amministratur Provizorju" la qatt gie nominat bhala tali ghal fini ta' din il-procedura, la talab li jintervjeni fil-kawza u lanqas ma ghazel li jappella bhala terz interessat, jekk tassew tali interess jissussisti. Kwindi jsegwi li huwa ma ghandu proprjament l-ebda locus standi f'din il-procedura u l-koncessjoni moghtija lilu mill-ewwel Qorti li jippartecipa fit-trattazzjoni in mankanza ta' assunzjoni formali li jidher fl-atti bhala parti, kienet ghal kollox irritwali.

Ghalhekk hija qeghda tordna l-isfilz tar-rikors ta' appell intavolat mill-imsemmi Dottor Peter Fenech fil-kwalita` tieghu premessa.

**Dwar 'L-Appell tat-Terz' intavolat minn HSBC Malta p.l.c. (C3177).**

8.1 L-appell l-iehor sar ad istanza ta' HSBC Malta p.l.c. (C3177). Kif diga` kellha l-okkazzjoni tosserva din il-Qorti, fid-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 2005, jidher li dana l-appell sar ai termini ta' l-Artikolu 236 tal-Kap. 12, maghruf bhala l-"appell tat-terz", liema dispost tal-ligi jaghti fakolta` ta' appell mhux biss lill-partijiet fil-kawza izda wkoll lil kull min ikollu interess. Dan ifisser li l-appell tat-terz huwa dritt awtonomu fis-sens li ghandu hajja distinta u separata minn dik tal-partijiet fil-kawza Dana qieghed jinghad ghar-raguni li fil-kawza in ezami, in konsegwenza ta' l-ammissjoni tieghu, il-konvenut nomine tilef id-dritt tieghu milli jappella. Huwa evidenti ghalhekk li l-ammissjoni tal-konvenut Joseph Pace nomine, filwaqt li certament tibqa' ggorr maghha konsegwenzi legali rilevanti, ma tipprekludix il-possibilita` ta' dritt ta' appell min-naha tat-terz interessat. Dan il-punt, jigifieri x'jigri f'kazi fejn tkun giet registrata ammissjoni mill-parti konvenuta, gia` kien mistharreg u deciz minn dawn il-Qrati. Hekk fil-kawza fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited noe et v. Simon Tabone deciza fit-28 ta' April 2004, mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) gie korrettement ritenut li,

"Kwantu ghall-aspett ta' l-appellabilita` o meno tas-sentenza hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-fatt illi l-konvenut ammetta t-talba ma jipprekludix lit-terz interessat milli jipproponi l-appell. Anzi din il-Qorti ma thossx illi l-effetti ta' l-Artikolu 228(1) jistghu jestendu ghal terzi li ma kienux kompartecipi fil-gudizzju. Izzid taggungi wkoll illi allahares l-interpretazzjoni tas-socjetajiet appellati kellha tigi sostenuta jew abbraccjata ghax allura jkun wisq facli illi bi ftehim, jekk mhux b'kolluzjoni, il-partijiet f'kawza jkunu jistghu jinnewtralizzaw id-dritt tat-terz interessat li jappella."

Ghalhekk taht dan l-aspett, l-opposizzjoni ghal dan l-appell min-naha ta' l-attur pro et noe appellat, kif in parte temani mir-risposta tieghu bil-miktub quddiem l-ewwel Qorti in data tal-24 ta' Gunju 2004, fejn jaghmel riferenza ghall-Artikolu 231(2) tal-Kap. 12 hija infondata. Tajjeb fl-

ahharnett li jigi osservat li trattandosi hawn ta' decizjoni in parte, u mhux wahda li tidderimi in toto l-mertu tal-vertenza, il-Bank appellant ma qabadx u intavola l-appell tieghu bla ma qabel talab l-awtorizzazzjoni min-naha ta' l-ewwel Qorti (ara rikors tieghu in data tat-23 ta' Gunju, 2004). Dik it-talba giet ittrattata u sussegwentement milqugha b'digriet ta' dik il-Qorti moghti fil-25 ta' Gunju, 2004.

8.2 Dan maghdud, jibqa dejjem essenzjali u fundamentali r-rekwizit l-iehor jigifieri dak ta' l-interess guridiku, ghar-raguni li, minghajru, l-appell tal-HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) ikun improponibbli.

Bilkemm ghalfejn jinghad li mhux kull xorta ta' interess jikkwalifika bhala "interess guridiku". Per ezempju, interess merament akkademiku ma jikkwalifikax, bhalma lanqas ma jissodisfa l-vot tal-ligi tal-procedura interess f'dak li huwa precipwament l-ezitu tal-kawza. Kif tajjeb gie ritenut minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fid-decizjoni taghha fil-kawza fl-ismijiet John Baptist Chiappa et v. Joseph M. Formosa noe et, moghtija fis-6 ta' Gunju 2001, il-parti li tkun interponiet "appell tat-terz",
"kellha qabel xejn tissodisfa lill-Qorti, li kellha interess fit-termini tal-ligi biex tintervjeni f'dan l-istadju ta' revizjoni tal-kawza billi bhala terz tappella mis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad. L-interess li kien qed jehtigilha tipprova kellu jkun guridiku u dan ifisser illi tali interess seta', jekk jigi rejalizzat b'mod favorevoli fl-azzjoni kif proposta, jissarraf fi dritt fil-konfront ta' l-atturi li pproponew il-kawza. Ma kienx allura bizzejjed li tali interess ikun fl-ezitu tal-kawza in kwantu dan seta' jizvantaggja jew jagevola lit-terz li jappella fit-terminu ta' l-Artikolu 236 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fil-kaz taht ezami jidher li tali interess guridiku ma jirrizultax in kwantu l-appellanti ma setghet qatt tivvanta xi jedd fil-konfront ta' l-atturi li maghhom m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika u li johrog mill-konvenju li fuqu qed teradika l-interess li jintitolaha tappella qua terz."

8.3 Din il-Qorti tibda billi tirrileva li minn ezami ta' l-atti jirrizulta li c-citazzjoni promotrici giet intavolata fit-3 ta' Mejju 1989, u wara li kien hemm kontestazzjoni pjuttost kombattuta, il-konvenut Joseph Pace nomine ammetta t-talbiet attrici b'nota li giet ipprezentata quddiem l-ewwel Qorti fis-17 ta' Ottubru 2003, u d-decizjoni <u>in parte</u> in dizamina nghatat fit-18 ta' Gunju, 2004 jigifieri wara d-dekors ta' hmistax-il sena minn meta bdiet il-kawza. Jigi inoltre rilevat li l-att notarili li l-attur proprio et nomine qieghed jattakka minhabba "vizzju tal-kunsens" gie ppubblikat fit-8 ta' Dicembru 1981, min-nutar Joseph Henry Saydon. Fl-ahharnett jigi rilevat ukoll li l-ebda wahda mill-hames talbiet dedotti mill-attur proprio et nomine kontra l-konvenuti ma qeghda titlob ir-rexxissjoni ta' l-imsemmi kuntratt. Fil-fatt jekk wiehed "jaghsarha" jikkonkludi li l-interess ta' l-attur huwa dak li jinghata hlas ta' danni f'ammont "da liquidarsi" min-naha ta' l-artijiet konvenuti.

8.4 Jekk wiehed jezamina l-att notarili tat-8 ta' Dicembru 1981, isib li l-Bank appellant ma jiffigura mkien. Mill-atti, u sal-mument li l-Qorti ta' l-ewwel grad tat is-sentenza parzjali taghha, lanqas jidher li l-Bank appellant ha xi inizjattiva biex jittanta jintervjeni fil-kawza. L-"interess" tal-Bank jidher li beda jimmanifesta ruhu biss in data tat-23 ta' Gunju 2004, ossija appena hamest (5) ijiem wara li nghatat is-sentenza appellata. Fir-rikors li l-Bank appellant ipprezenta quddiem l-ewwel Qorti sabiex jiddimostra l-interess tieghu li jappella – hekk ara rikors in data tat-23 ta' Gunju 2004 – huwa ssottometta li,

"L-akkoljiment tat-talba attrici (sic) jista' jwassal ghal dikjarazzjoni li l-art ma hargitx mill-poter tas-socjeta` attrici bil-konsegwenza li jekk tali dikjarazzjoni ma tigix revokata l-bank attur (sic) jispicca minghajr garanzija idonea ghall-hlas lura tal-flus minnu mislufa lis-socjeta` Terry Limited."

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti s-suespost jammonta kjarament ghal turija li l-"interess" tal-Bank appellant huwa direttament relatat <u>ma' l-ezitu tal-kawza</u>, ghaliex in realta` dak li sar u sehh bejn iz-zewg partijiet kontraenti fit-18 ta' Dicembru 1981, quddiem in-Nutar Saydon, kien fir-rigward tal-Bank appellant "res inter alios acta". Issa jekk l-attur

jallega li biex iffirma dan il-kuntratt il-kunsens tieghu kien gie vizzjat minhabba “theddid, minaccji u vjolenza” pprattikata fuqu, non sta certament ghall-Bank appellant li jintrometti ruhu fil-vicenda fuq il-pretest li kemm-il darba l-attur pro et noe jnghata ragun mill-Qorti, l-istess Bank jista’ jigi affettwat negattivament minhabba relazzjonijiet ohra kummercjali, separati u distinti minn dik in ezami, li huwa “a sua volta” kellu mas-socjeta` Terry Limited.

8.5 Jekk wiehed imbaghad imur fuq ir-rikors ta’ appell (ara fol. 10 – 20 ta’ l-atti quddiem din il-Qorti) isib motivazzjoni aktar elaborata, pero` ta’ l-istess portata bhal dik moghtija quddiem l-ewwel Qorti (ara para. 6 u 7 a fol. 12), konsistenti fis-segwenti,
“Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Dicembru 2003, fil-kawza fl-ismijiet HSBC Malta p.l.c. v. STG Limited; Terry Limited; Louis Scicluna and Vivienne Sciclunai; Anthony Spiteri and Josette Spiteri; and Joseph Pace and Carmen Pace (Cit. Nru. 2572/97/GCD) il-Bank esponent gie kanonizzat kreditur tal-konvenuti fis-somma ta’ mitt elf lira (Lm100,000) flimkien ma’ l-imghaxijiet bi 8% mit-22 ta’ Jannar 1998, sal-hlas effettiv u bl-ispejjez.

“Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Dicembru 2003, fil-kawza fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. v. STG Limited; Terry Limited; Louis Scicluna and Vivienne Scicluna, Anthony Spiteri and Josette Spiteri; and Joseph Pace and Carmen Pace (Cit. Nru. 2455/00 GCD) il-Bank esponent gie kanonizzat kreditur tal-konvenuti fis-somma ta’ erbgha u hamsin elf, tmien mija u wiehed u sittin lira (Lm54,861) flimkien ma’ l-imghaxijiet bi 8% mit-22 ta’ Jannar 1998, sal-hlas effettiv u bl-ispejjez.

“Illi ghad-dejn fuq imsemmi ta’ Terry Limited l-istess socjeta` qed taghmel tajjeb bl-artijiet mertu tal-kawza odjerna.”

Mis-suespost huwa ovvju li l-uniku ness li jezisti, jekk jista’ jissejjah talment, bejn l-attur proprio et nomine u l-Bank

appellant gie mill-fatt li dawn it-tnejn kellhom rapporti kummercjali ma' l-istess socjeta` konvenuta, jigifieri ma' Terry Limited, imma mill-bqija l-fatt li jekk jirbah il-kawza tieghu l-appellat Joseph Borg pro et noe jista' jigi zvantaggjat il-Bank appellant ma jfissirx b'daqshekk li l-istess Bank ghandu "interess guridiku" f'din l-kawza wkoll. Jekk tassew, u dan qieghed jinghad biss ghall-grazzja ta' l-argument, il-Bank appellant hass li kellu jsegwi u jikkontrolla x'qieghed jigri f'din il-kawza minhabba li debitur tieghu kien involut bhala konvenut fiha, huwa dejjem seta' talab li jintervjeni fiha, bil-jedd li taghtih l-istess ligi tal-procedura. Din il-Qorti, u dan ukoll in vista ta' dak li jirrizulta mill-atti tal-kawza kif ukoll mis-sottomissjonijiet orali li saru quddiemha, issibha ferm u ferm difficli biex temmen li l-Bank appellant ma kienx f'qaghda li jkun, jew li jsir, jaf bi proceduri veljanti kontra s-socjeta` konvenuta bhax-xorta istitwita mill-attur appellat. Jekk imbaghad kellu invece jirrizulta li l-agir ta' l-attur pro et nomine u ta' Joseph Pace nomine kien frott il-qerq u ghemil doluz u kriminuz kif jaghti wkoll x'jifhem il-Bank appellant, allura jsegwi li (dejjem jekk inhuwa tassew hekk) hadd u xejn ma jista' jzomm il-Bank appellant milli jiehu dawk il-proceduri legali li l-ligi taghti, ghaliex il-ligi ma taghti ebda kenn lil min jopera permezz tal-qerq u ingann. Imma jekk dan huwa tassew il-kaz, il-Bank appellant ma jistax jippretendi li dak li ma sarx quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, isir issa quddiem din il-Qorti, li hija Qorti ta' revizjoni. Ikun utli li jigi hawn rilevat li l-ewwel Qorti qaghdet attenta illi taghmilha cara li hija ma kenitx strahet biss fuq il-fatt li f'certu stadju tal-kawza l-konvenut Joseph Pace nomine pprezenta nota ta' ammissjoni, imma ghamlitha wkoll cara li l-ammissjoni tal-konvenut Joseph Pace pro et nomine "hija wkoll sostnuta mill-fatti" u sa anke hasset il-htiega li tissottolineja dan biex taghtiha aktar enfasi.

Fi kliem iehor, bil-fatt li sentenza favorevoli ghall-attur proprio et nomine f'din il-kawza tista' tissarraf fi zvantagg ghall-Bank appellant ghax tista' tnaqqas minn dak li tippossjedi materjalment is-socjeta` Terry Limited, ma jfissirx ukoll li ma setax kien li meta gie ffirmat il-kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981, ma setax kien hemm vizzju tal-

kunsens. Ma hemm l-ebda korrelazzjoni bejn iz-zewg fatti. Ghall-istess raguni, li kieku l-partrimonju possedut mis-socjeta` Terry Limited huwa tali li jista' jissodisfa kemm il-kreditu vantat mill-Bank appellant, kif ukoll il-pretensjoni odjerna da parti ta' l-attur pro et noe, certament ikun ifisser li l-Bank ma ghandu assolutament ebda interess li jidhol f'vicenda bejn l-attur u Terry Limited. Kwindi dan kollu jkompli juri, jekk kien hemm bzonn, li l-interess tal-Bank huwa merament fl-ezitu tal-kawza. Dan kollu, mela, jfisser illi, kif tajjeb gie ritenut fid-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru 1999, fil-kawza fl-ismijiet Joseph Sultana et v. Avukat Dottor Robert Mangion et noe, pjenament kondiviza minn din il-Qorti, li,

"…s-socjeta` appellanti allura, biex teradika l-interess guridiku li kienet tehtieg biex tkun intitolata tappella f'kawza li fiha hi ma kenitx parti, trid necessarjament tipprova li hi kellha interess fin-negozju guridiku li ta lok ghall-azzjoni. Altrimenti, hekk japplika l-principju li tali negozju kien res inter alios acta u ma kien bl-ebda mod jinteressaha. Massima din riflessa fin-norma ta' l-Artikolu 237 tal-Kap. 12 u tipprovdi li s-sentenza ma tista' qatt tkun ta' hsara ghal min, la hu nnifsu, lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew tar-rapprezentant legittimu tieghu, ma jkun parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza."

Darba li fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti jirrizulta li l-appell interpost mill-Bank HSBC Malta p.l.c. C3177 huwa priv mill-"interess guridiku" li tesigi l-ligi tal-procedura, il-Qorti sejra tichad dan l-appell minghajr il-htiega li tiddelibera oltre fuq l-aggravji l-ohra fih dedotti .

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza in parte moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Gunju 2004, qeghda ghar-ragunijiet suesposti tirrespingi kemm l-appell interpost mill-Amministratur Provvizorju ghan-nom tas-socjeta` Terry Limited Reg. N$^{o}$. C4920 fil-persuna ta' l-Avukat Dottor Peter Fenech u ttenni l-ordni gia` moghti aktar 'l fuq f'din is-sentenza sabiex ir-rikors tieghu jigi sfilzat, kif ukoll l-appell maghmul minn HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177).

L-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn iz-zewg appellanti jigifieri Dr. Peter Fenech bhala Amministratur Provvizorju ta’ Terry Limited (C4920) u l-HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177). L-ispejjez relattivi ghas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti jibqghu invarjati u skond kif hemm deciz minn dik il-Qorti.

Il-Qorti fl-ahharnett tordna li l-atti tal-kawza jigu mill-iktar fis rimessi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili biex hija tkompli tisma’ u tiddeciedi dwar it-talbiet l-ohra li ghadhom pendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------